Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2013

Numru 11/1013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Nathan Cooper**
**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Farrugia** ta' tnejn u erbghin (42) sena, iben Carmelo u Josephine xebba Mifsud, imwieled Sliema nhar it-03.07.1970 u residenti nru. 363, Triq San Guzepp, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 291170(M), u kontra **Nathan Cooper** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Roy George u Lorenza xebba Galea, imwieled Pieta' nhar il-15.03.1984 u residenti nru. 6, Triq

San Pawl, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 158684(M) akkuzati talli:

1. gewwa Sa Maison fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Jannar 2013, ikkommettew serq ta' *cable* fl-inhawi ta' mahzen li jinsab gewwa l-inhawi ta' San Maison, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccediex 2,329.37 euro, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Go plc. u/jew persuni ohra;

2. aktar talli f`Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b`kull mod li jkun indahlu biex ibieghu jew imexxuhom;

Lil **Mario Farrugia** wahdu:

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura b`numru ta` registrazzjoni CAT 534 ta` ghamla Toyota minghajr ma' l-vettura kellha licenzja biex tintuza fit-triq. (Kapitolu 65 Artikoli 15 (1) (a) (2));

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura b`numru ta` registrazzjoni CAT 534 ta` ghamla Toyota minghajr ma kienet koperta b`polza ta` assikurazzjoni ghal terzi persuni. (Kapitolu 104 Artikolu 3 (1));

3. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, kif ukoll li jirrinkaza ruhu mhux aktar tard mill 23.00hrs, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bhala depozitu u 500 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif

stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Lil **Nathan Cooper** wahdu:
1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv ai terminu tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li hu gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u li kkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara s-segwenti:
(a) fir-rigward taz-<u>zewg imputati</u>:
(i) li imputazzjoni mmarkata b'numru "2" (cioé dik li tirrigwarda ricetazzjoni) hija alternattiva ghall-imputazzjoni mmarkata b'numru "1" (cioé dik li tirrigwarda serq);
(ii) li r-*res furtiva* giet ritornata;
(iii) li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija u ---omissis---;

(b) fir-rigward ta' <u>Mario Farrugia</u>:
(i) li, b'riferenza ghall-imputazzjoni mmarkata b'numru "4", ma kienx hemm insistenza li d-depozitu u garanzija personali jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta;
(ii) li imputazzjoni mmarkata b'numru "3" tista' tigi kkunsidrata bhala mezz ai fini ghall-imputazzjoni mmarkata b'numru "1" (cioé dik ta' serq) u b'hekk ghandu japplika Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, il-fedina penali taghhom, l-ammissjoni bikrija taghhom f'dawn il-proceduri, il-ko-operazzjoni taghhom mal-Pulizija u kif ukoll dak li gie dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum u li gie ndikat aktar il-fuq f'din is-sentenza bhala (a)(i)(ii)(iii) fil-konfront taz-zewg imputati u bhala (b)(i)(ii) fil-konfront ta' Mario Farrugia. Fil-konfront ta' Mario Farrugia, il-Qorti ser tqies l-imputazzjoni mmarkata b'numru "3" bhala mezz ai fini ghall-imputazzjoni ta' serq u b'hekk l-imputat Mario Farrugia ser jigi moghti l-piena ghar-reat l-iktar gravi u dana kif previst fl-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, in segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li imputazzjoni mmarkata b'numru "2" [cioé dik li tirrigwarda ricetazzjoni] hija alternattiva ghall-imputazzjoni mmarkata b'numru "1" [cioé dik li tirrigwarda serq], tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni mmarkata b'numru "2" [cioé dik li tirrigwarda ricetazzjoni] u,

- fir-rigward tal-imputat **Nathan Cooper,** wara li rat Artikoli 49, 261(b), 261(c), 261(f), 263(a), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Nathan Cooper hati tal-imputazzjoni mmarkata b'numru "1" [cioé dik li tirrigwarda serq] u tal-imputazzjoni l-ohra mmarkata wkoll b'numru "1" [cioé dik li tirrigwarda recidiva] tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' snin.

- fir-rigward tal-imputat **Mario Farrugia,** wara li rat Artikoli 17(h), 261(b), 261(c), 261(f), 263(a), 267, 270, 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni, issib lill-imputat Mario Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' snin u kif ukoll ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2500.00) u tordna li l-imputat Mario Farrugia jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni, liema dikjarazzjonijiet jirrigwardaw il-liberta provizorja tal-imputat Mario Farrugia, il-Qorti **m'hijiex** ser tordna illi s-somma ta' depozitu ta' hames mitt Euro (€ 500.00) u garanzija personali ta' hames mitt Euro (€ 500.00) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u **m'hijiex** ser tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat Mario Farrugia, izda tordna lill-imputat sabiex josserva skruplozament il-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet fejn inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti spjegat liz-zewg imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkomettu reat iehor fi zmien erba' snin.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------